

17.4.2024

A9-0284/ 001-055

EMENDI 001-055

mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapport

Irena Joveva

A9-0284/2023

L-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, emenda tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u tħassir tar-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013

Proposta għal regolament (COM(2023)0031 – C9-0010/2023 – 2023/0008(COD))

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni hi meħtieġa għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari daww li jindirizzaw it-tibdil demografiku, it-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u l-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU).

Emenda

(1) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ***tiżvolġi rwol ċentrali fil-proċessi tat-tfassil tal-politika u tat-teħid ta' deċiżjonijiet u, bħala tali***, hi meħtieġa għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari daww li jindirizzaw it-tibdil demografiku, it-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ***l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*** u l-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU).

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 6

(6) Fl-2017, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva l-Memorandum ta' Budapest li ddikjara l-ħtieġa ta' statistika annwali dwar id-daqs u dwar ċerti karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u demografiċi tal-popolazzjoni u għal statistika aħjar dwar il-migrazzjoni. Għall-osservanza tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini tagħha fl-attivitajiet kollha u d-drittijiet taċ-ċittadini individwali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea²³ u fl-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, l-Unjoni teħtieġ statistika affidabbli u komparabbli. Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jipprovdi qafas għall-għbir tad-data minn kampjuni li jippermettu l-għbir tad-data dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni sa fejn dan ikun fattibbli mill-kampjuni u biex jiġu analizzati xi aspetti tal-ugwaljanza u tad-diskriminazzjoni billi jinħolqu indikaturi soċjoekonomiċi u informazzjoni dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iwettqu studji speċifiċi u sħarriġiet apposta li jistgħu jkomplu jestendu d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-ugwaljanza fil-livell tal-UE. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni futuri bejn l-Istati Membri, l-Eurostat u dawn l-aġenziji jenħtieġ li jissaħħu biex jissodisfaw id-domandi dejjem akbar tal-utenti għal data affidabbli u komprensiva dwar l-ugwaljanza u d-diversità fl-Unjoni.

(6) Fl-2017, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva l-Memorandum ta' Budapest li ddikjara l-ħtieġa ta' statistika annwali dwar id-daqs u dwar ċerti karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u demografiċi tal-popolazzjoni u għal statistika aħjar dwar il-migrazzjoni. Għall-osservanza tal-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini tagħha fl-attivitajiet kollha u d-drittijiet taċ-ċittadini individwali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea²³ u fl-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, **u għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**, l-Unjoni teħtieġ statistika affidabbli u komparabbli. **L-istatistika dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali hija essenzjali sabiex tingħata ħarsa ġenerali lejn il-flussi migratorji fi ħdan l-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri japplikaw il-liġi tal-Unjoni b'mod korrett.** Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jipprovdi qafas għall-għbir tad-data minn kampjuni li jippermettu l-għbir tad-data dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni sa fejn dan ikun fattibbli mill-kampjuni u biex jiġu analizzati xi aspetti tal-ugwaljanza u tad-diskriminazzjoni billi jinħolqu indikaturi soċjoekonomiċi u informazzjoni dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iwettqu studji speċifiċi u sħarriġiet apposta li jistgħu jkomplu jestendu d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-ugwaljanza fil-livell tal-UE. **Barra minn hekk, il-Eurofound tippovdi data u informazzjoni miġbura permezz ta' sħarriġiet dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol.** Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni futuri bejn l-Istati Membri, l-Eurostat u dawn l-aġenziji jenħtieġ li jissaħħu biex jissodisfaw id-domandi dejjem akbar tal-utenti għal data

affidabbli u komprensiva dwar l-ugwaljanza u d-diversità fl-Unjoni, ***filwaqt li jwirrispettataw il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725.***

²³ ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389.

²³ ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi ***jeħtieġu*** statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. ***Il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti ħafna u fil-ħin dwar l-imwiet fl-Unjoni. Filwaqt li l-ħtiġijiet tad-data ntlaħqu bil-ġbir volontarju tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu xieraq għal ġbir obbligatorju ta' dik id-data permezz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.***

Emenda

(7) Biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ***u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u biex tiġi miġġielda l-kriżi tal-għoli tal-ħajja,*** l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi ***jenħtieġ li jkun bbażati*** fuq statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti ħafna u fil-ħin dwar l-imwiet fl-Unjoni. Filwaqt li l-ħtiġijiet tad-data ntlaħqu bil-ġbir volontarju tad-data mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat), l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu xieraq għal ġbir obbligatorju ta' dik id-data permezz tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa. ***L-estent tal-ġbir obbligatorju tad-data jenħtieġ li jkun ibbilanċjat mal-piż amministrattiv addizzjonali u mal-kostijiet addizzjonali għall-Istati Membri. B'kont meħud ta' dan, jenħtieġ li jkun possibbli li jingħataw derogi mir-rekwiżiti dwar iż-żmien tal-ġbir tad-data.***

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Sabiex timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-miri ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni tiegħu u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal fil-livell nazżjonali u tivvaluta l-effett distributtiv tat-tibdil fil-klima u l-politiki b'mod ġenerali, l-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu adegwat għall-ġbir obbligatorju ta' tali data fi ħdan l-ESS bil-frekwenza, it-tempestività u d-dettall meħtieġa.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ stabbilixxa qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea, abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji ta' kwalità u jirreferi għall-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż tar-rispons minn fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u li jingħata kontribut għall-objettiv aktar ġenerali ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv. Qafas legali ġdid għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li jkun jimplimenta l-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dak ir-Regolament u ***jiffaċilita t-tnaqqis tal-piż*** billi jaċċetta l-użu mill-ġdid effettiv u effiċjenti tas-sorsi tad-data disponibbli, inkluż id-data amministrattiva.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ stabbilixxa qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea, abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji ta' kwalità u jirreferi għall-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż tar-rispons minn fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u li jingħata kontribut għall-objettiv aktar ġenerali ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv. Qafas legali ġdid għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li jkun jimplimenta ***u jibni fuq*** il-kriterji ta' kwalità stabbiliti f'dak ir-Regolament u ***jnaqqas il-piż amministrattiv*** billi jaċċetta l-użu mill-ġdid effettiv u effiċjenti tas-sorsi tad-data disponibbli, inkluż id-data amministrattiva.

²⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-

²⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) It-tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi li jinħolqu fil-livell tal-Unjoni huwa objettiv ċentrali tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030" għandha li ttrazzjonalizza u tissimplifika r-rekwiżiti ta' rapportar b'25 % għal kull wieħed mill-oqsma tematiċi ekoloġiċi, diġitali u ekonomiċi, u l-proposta relatata tal-Kummissjoni għandha l-potenzjal li tnaqqas il-piż amministrattiv u li ttejjeb il-kompetittività tal-impriżi kollha fl-Unjoni, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Is-sitwazzjoni demografika li qed tevolvi u x-xejriet riċenti tal-migrazzjoni ħolqu talbiet għal statistika Ewropea aktar fil-ħin, aktar frekwenti u aktar dettaljata

(11) ***L-aggressjoni kontinwa mir-Russja kontra l-Ukrajna, it-tibdil fil-klima, it-trasformazzjoni diġitali, is-sitwazzjoni demografika li qed tevolvi u x-xejriet***

dwar il-popolazzjoni, avvenimenti vitali u l-akkomodazzjoni, inkluż dettalji ta' suġġetti jew gruppi li saru rilevanti politikament u soċjalment fl-aħħar deċennju. Minbarra dan, il-qafas legali eżistenti mhux flessibbli biżżejjed biex jadatta għall-ħtiġijiet evolventi tal-politika u biex jippermetti l-użu ta' sorsi ġodda fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-istruttura tal-qafas legali eżistenti fil-forma ta' tliet regolamenti separati, adottati fi żminijiet differenti, ikkawżat inkonsistenzi intrinżiċi fl-istatistika. Fl-aħħar nett, billi r-Regolament (UE) Nru 1260/2013 se jieqaf japplika fil-31 ta' Awwissu 2028, hemm bżonn bażi ġuridika ġdida għall-istatistika demografika miġbura skont dak ir-Regolament. Għalhekk, il-qafas legali attwali jeħtieġ jinbidel b'wieħed ġdid, aktar koerenti u flessibbli li jenħtieġ li jemenda l-partijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013.

riċenti tal-migrazzjoni ħolqu talbiet għal statistika Ewropea aktar fil-ħin, aktar frekwenti u aktar dettaljata dwar il-popolazzjoni, ***l-iżviluppi soċjoekonomiċi***, avvenimenti vitali u l-akkomodazzjoni, inkluż dettalji ta' suġġetti jew gruppi li saru rilevanti politikament u soċjalment fl-aħħar deċennju. Minbarra dan, il-qafas legali eżistenti mhux flessibbli biżżejjed biex jadatta għall-ħtiġijiet evolventi tal-politika u biex jippermetti l-użu ta' sorsi ġodda fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-istruttura tal-qafas legali eżistenti fil-forma ta' tliet regolamenti separati, adottati fi żminijiet differenti, ikkawżat inkonsistenzi intrinżiċi fl-istatistika. Fl-aħħar nett, billi r-Regolament (UE) Nru 1260/2013 se jieqaf japplika fil-31 ta' Awwissu 2028, hemm bżonn bażi ġuridika ġdida għall-istatistika demografika miġbura skont dak ir-Regolament. Għalhekk, il-qafas legali attwali jeħtieġ jinbidel b'wieħed ġdid, aktar koerenti u flessibbli li jenħtieġ li jemenda l-partijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika.

Emenda

(13) In-natura li qed tinbidel malajr ta' xi karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi, ***soċjoekonomiċi*** u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli fil-ħin, minnufih wara l-perjodu ta' referenza. Għalhekk jenħtieġ li jsir avvanz tanġibbli fil-perjodiċità u fit-tempestività tal-istatistika, ***fejn ikun possibbli permezz tal-użu ta' data amministrattiva u rekords***

amministrattivi. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu riżorsi adegwati għall-istituti nazzjonali tal-istatistika tagħhom.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-qafas legali attwali għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jeħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun żgurat li l-proċessi statistiċi attwalment separati jiġu integrati kif xieraq f'qafas komuni li jippermetti lill-ESS tirrispondi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet ġodda tal-informazzjoni tal-Unjoni, u li jħeġġeġ l-innovazzjonijiet statistiċi. Hemm bżonn *tijib fl-eżiti* statistiċi ħalli jibqgħu rilevanti fid-dawl tal-bidliet demografiċi, migratorji, soċjali u ekonomiċi *fis-soċjetà*.

Emenda

(17) Il-qafas legali attwali għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jeħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun żgurat li l-proċessi statistiċi attwalment separati jiġu integrati kif xieraq f'qafas komuni li jippermetti lill-ESS tirrispondi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet ġodda tal-informazzjoni tal-Unjoni, u li jħeġġeġ l-innovazzjonijiet statistiċi. Hemm bżonn *li jittejbu l-eżiti* statistiċi ħalli jibqgħu rilevanti fid-dawl tal-bidliet demografiċi, migratorji, soċjali u ekonomiċi *fis-soċjetà filwaqt li jiġu indirizzati sfidi oħra u jingħata appoġġ għat-tfassil tal-politika u għat-teħid tad-deċiżjonijiet*.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni jenħtieġ li jsiru aktar kosteffettivi billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' data amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew taħlita ta' sorsi differenti, fosthom sorsi relatati mal-internet tal-oġġetti (IoT) u l-forniment tas-servizzi diġitali. Jenħtieġ li jintużaw ukoll biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-data amministrattiva jiġu inklużi.

Emenda

(19) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni jenħtieġ li jsiru aktar kosteffettivi billi jintuża bis-sħiħ is-sett rikk ta' data amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew taħlita ta' sorsi differenti, fosthom sorsi relatati mal-internet tal-oġġetti (IoT) u l-forniment tas-servizzi diġitali *abbażi tal-konklużjoni ta' protokoll bejn l-istituti nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri u l-fornituri ta' data minn bażijiet ta' data privati. Jenħtieġ li jirrispettaw il-privatezza tad-data personali billi jstabilixxu s-*

salvagwardji meħtieġa għall-ġbir tad-data personali biex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin potenzjali u jiġu ggarantiti d-drittijiet fundamentali. Jenħtieġ li jintużaw ukoll biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika, u biex l-istħarriġiet dwar il-kopertura tas-sorsi tad-data amministrattiva jiġu inklużi.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess sostenibbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' sorsi tad-data biex jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ta' kwalità għolja u b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, hu kruċjali li l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jiksbu aċċess fil-ħin u jkunu jistgħu jużaw fil-pront id-data amministrattiva li tkun proprjetà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Pereżempju, l-istatistika dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tissejjes fuq data amministrattiva relatata mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-enerġija tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹. L-istituti nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ ikunu involuti wkoll fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil u l-iżvilupp mill-ġdid tas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti ħalli jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

Emenda

(20) L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess sostenibbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' sorsi tad-data biex jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ta' kwalità għolja u b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, hu kruċjali li l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jiksbu aċċess fil-ħin u jkunu jistgħu jużaw fil-pront id-data amministrattiva li tkun proprjetà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, ***b'mod kosteffettiv***. Pereżempju, l-istatistika dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tissejjes fuq data amministrattiva relatata mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-enerġija tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹. ***Is-sorsi tad-data jenħtieġ li jkun fihom ukoll data relatata ma' gruppi tal-popolazzjoni li diffiċli jintlaħqu, bħal persuni mingħajr dar u persuni li jgħixu f'ambjenti informali.*** L-istituti nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ ikunu involuti wkoll fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil u l-iżvilupp mill-ġdid tas-sorsi tad-data amministrattiva rilevanti ħalli jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

³¹ Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

³¹ Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Id-data miżmuma privatament tista' ttejjeb il-kopertura, it-tempestività u l-kapaċitajiet tar-rispons għall-kriżijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, jew tippermetti l-innovazzjoni statistika. Din id-data għandha l-potenzjal li tikkumplimenta l-istatistika eżistenti dwar id-demografija u l-migrazzjoni, tikseb l-innovazzjoni statistika, u tgħin fil-produzzjoni ta' stimi bikrija. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess għal dik id-data u jużawha.

Emenda

(23) Id-data miżmuma privatament tista' ttejjeb il-kopertura, it-tempestività u l-kapaċitajiet tar-rispons għall-kriżijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, jew tippermetti l-innovazzjoni statistika. Din id-data għandha l-potenzjal li tikkumplimenta l-istatistika eżistenti dwar id-demografija u l-migrazzjoni, tikseb l-innovazzjoni statistika, u tgħin fil-produzzjoni ta' stimi bikrija. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess għal dik id-data u jużawha. ***Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tad-detenturi tad-data, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi lista tat-tipi ta' sorsi ta' data miżmuma privatament li jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tal-istatistika.***

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23a) F'dak ir-rigward, il-kondiviżjoni tad-data bejn fornituri jew negozji tad-data miżmuma privatament u l-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tkun ibbażata fuq protokoll tal-kondiviżjoni tad-data u

ftehimiet ta' kooperazzjoni li għandhom jiġu konklużi mill-partijiet ikkonċernati u f'konformita mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, kif ukoll id-Direttiva 2002/58/KE.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tkun tissodisfa l-kriterji tal-kwalita b'rabta mar-rilevanza, l-eżattezza, it-tempestivita u l-puntwalita, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà u l-koerenza speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-kwalita tagħhom jenħtieġ li tiżdied sa fejn jevolvu l-ħtiġijiet tal-Unjoni. Ir-riżultati xierqa tal-valutazzjoni tal-kwalita mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkunu disponibbli pubblikament għall-utenti tal-istatistika. ***L-aċċess*** għal din l-istatistika ***jenħtieġ li jkun bla ħlas u faċli***, mill-bażijiet tad-data tal-Kummissjoni (Eurostat) fuq is-sit web tagħha u fil-pubblikazzjonijiet tagħha.

Emenda

(26) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tkun tissodisfa l-kriterji tal-kwalita b'rabta mar-rilevanza, l-eżattezza, it-tempestivita u l-puntwalita, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà u l-koerenza speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-kwalita tagħhom jenħtieġ li tiżdied sa fejn jevolvu l-ħtiġijiet tal-Unjoni, ***u jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex jindirizzaw sitwazzjonijiet possibbli fejn il-kwalita tad-data ma tkunx iggarantita. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Kummissjoni (Eurostat) ikollha d-dritt li tivverifika l-metodoloġija li qed tintuża u li torganizza żjarat fuq il-post tal-awtoritajiet li jgħbru d-data. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll assistenza u appoġġ tekniku fuq talba tal-awtoritajiet nazzjonali.*** Ir-riżultati xierqa tal-valutazzjoni tal-kwalita mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkunu disponibbli pubblikament għall-utenti tal-istatistika ***billi jiġi żgurat*** l-aċċess ***bla ħlas u faċli*** għal din l-istatistika mill-bażijiet tad-data tal-Kummissjoni (Eurostat) fuq is-sit web tagħha u fil-pubblikazzjonijiet tagħha.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 26a (ġdida)

(26a) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tindirizza n-nuqqas persistenti ta' data dwar gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu, bħall-persuni residenti f'istituzzjonijiet (eż. istituzzjonijiet militari, istituzzjonijiet korrettivi u penali, dormitorji ta' skejjel u universitajiet, istituzzjonijiet reliġjużi, sptarijiet, ċentri tal-kura residenzjali, istituzzjonijiet għall-persuni b'diżabilità u orfanatrofji), il-persuni li għandhom 75+ sena, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni mingħajr dar, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u l-persuni apolidi. Sabiex inaqqsu din id-diskrepanza fid-data u jipprevjenu l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi li jirriżultaw minnha, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw strateġiji u soluzzjonijiet immirati għall-ġbir ta' data dwar gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu, b'mod partikolari fir-rigward tas-sejba, l-ikkuntattjar, il-perswazzjoni u l-intervistar ta' tali popolazzjonijiet u l-kuntatt magħhom.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 26b (ġdida)

(26b) Politiki adegwati, f'waqthom u effettivi jippreżupponu data affidabbli u komparabbli, diżaggregata skont il-ġeneru, l-età u d-diżabbiltà, l-istatus soċjoekonomiku, iż-żona ġeografika, fejn rilevanti n-nazzjonalità u parametri oħra f'konformità mal-Prinċipji Fundamentali tal-Istatistika Uffiċjali tan-Nazzjonijiet Uniti. Din id-data hija rilevanti biex wieħed jifhem aħjar ix-xejriet tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni intersezzjonali u jiġu implimentati u

vvalutati l-politiki, l-objettivi u l-azzjonijiet tal-Unjoni, bħall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Garanzija Ewropea għat-Tfal, l-Istrateġija Ewropea għall-Kura, l-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u l-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kondizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar, li kollha jiddependu ħafna minn data dwar l-unitajiet domestiċi u l-familji. Jenħtieġ li l-għbir u l-użu ta' tali data jsir b'rispett sħiħ tal-istandards tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-privatezza u d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fir-riċerka statistika li tinvolvi l-minorenni.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Is-sorsi tad-data disponibbli fil-livell nazzjonali mhux dejjem ikunu jistgħu jaqdbu eżattament il-fenomeni relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntiera dwar avvenimenti vitali demografiċi u l-eżerċitar tad-drittijiet tal-persuni li jixtru u li jkunu sidien tal-akkomodazzjoni tagħhom stess użata bħala akkomodazzjoni primarja, villeġġjatura u sekondarja fl-Unjoni. Hemm ukoll **asimetriji** fil-flussi migratorji bilaterali u diffikultajiet biex jitkejlu l-gruppi tal-popolazzjoni, pereżempju fost il-popolazzjoni migranti, mingħajr saqaf jew mingħajr Stat. Għalhekk jenħtieġ li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tad-data għall-finijiet tal-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-migrazzjoni, tkun żgurata l-kwalità tagħha, u titqies bħala sors ieħor tad-data. Din il-kondiviżjoni msaħħa tad-data tista' tkopri firxa wiesgħa tad-data rilevanti, minn data li b'mod ċar ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-unitajiet statistiċi, direttament jew

Emenda

(29) Is-sorsi tad-data disponibbli fil-livell nazzjonali mhux dejjem ikunu jistgħu jaqdbu eżattament il-fenomeni relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntiera dwar avvenimenti vitali demografiċi u l-eżerċitar tad-drittijiet tal-persuni li jixtru u li jkunu sidien tal-akkomodazzjoni tagħhom stess użata bħala akkomodazzjoni primarja, villeġġjatura u sekondarja fl-Unjoni. Hemm ukoll **diskrepanzi** fil-flussi migratorji bilaterali u diffikultajiet biex jitkejlu l-gruppi tal-popolazzjoni, pereżempju fost il-popolazzjoni migranti, mingħajr saqaf jew mingħajr Stat. Għalhekk jenħtieġ li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tad-data għall-finijiet tal-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-migrazzjoni, tkun żgurata l-kwalità tagħha, u titqies bħala sors ieħor tad-data. Din il-kondiviżjoni msaħħa tad-data tista' tkopri firxa wiesgħa tad-data rilevanti, minn data li b'mod ċar ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-unitajiet statistiċi, direttament jew

indirettament, għal data potenzjalment soġġetta għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità statistika. L-Istati Membri, fl-interess tagħhom stess u fl-interess tal-Istati Membri l-oħra, jenħtieġ li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-kondiviżjoni tad-data, inkluż fi proġetti pilota li jivvalutaw soluzzjonijiet siguri innovattivi. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll infrastruttura sigura biex tiffaċilita din il-kondiviżjoni tad-data u tiżgura s-salvagwardji meħtieġa kollha.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Meta l-kondiviżjoni tad-data tkun tinvolvi l-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷ jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li jiġu applikati għalkollox il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-data, tal-limitazzjoni tal-ħżin, u tal-integrità u l-kunfidenzjalità. B'mod partikolari, ***fuq it-trażmissjoni diretta tad-data jenħtieġ li tingħata preferenza lill-mekkaniżmi*** tal-kondiviżjoni tad-data bbażati fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u li tfasslu speċifikament biex iħaddmu dawn il-prinċipji.

³⁷ Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

indirettament, għal data potenzjalment soġġetta għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità statistika. L-Istati Membri, fl-interess tagħhom stess u fl-interess tal-Istati Membri l-oħra, jenħtieġ li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-kondiviżjoni tad-data, inkluż fi proġetti pilota li jivvalutaw soluzzjonijiet siguri innovattivi. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll infrastruttura sigura biex tiffaċilita din il-kondiviżjoni tad-data u tiżgura s-salvagwardji meħtieġa kollha ***għall-protezzjoni tad-data***.

Emenda

(30) Meta l-kondiviżjoni tad-data tkun tinvolvi l-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷ jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li jiġu applikati għalkollox il-prinċipji ***tal-legalità, il-korrettezza u t-trasparenza***, tal-limitazzjoni tal-iskop, tal-minimizzazzjoni tad-data, tal-limitazzjoni tal-ħżin, u tal-integrità u l-kunfidenzjalità. B'mod partikolari, il-mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tad-data bbażati fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u li tfasslu speċifikament biex iħaddmu dawn il-prinċipji ***biss jenħtieġ li jintużaw għat-trażmissjoni tad-data personali***.

³⁷ Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Fit-tul, l-isforzi kollaborattivi fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika li jimmitigaw il-kwistjonijiet transfruntieri dwar il-kwalità tal-istatistika, bħad-duplikar tar-residenti tal-Unjoni li jgawdu l-libertà tal-moviment, jenħtieġ li **jaħtfu l-vantaġġ kemm jista' jkun** tal-identifikaturi diġitali uniċi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸. Fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, dawn ir-Regolamenti tal-aħħar iridu japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament.

Emenda

(32) Fit-tul, l-isforzi kollaborattivi fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika li jimmitigaw il-kwistjonijiet transfruntiera dwar il-kwalità tal-istatistika, bħad-duplikar tar-residenti tal-Unjoni li jgawdu l-libertà tal-moviment, jenħtieġ li **jigħu ffaċilitati, pereżempju, permezz tal-introduzzjoni** tal-identifikaturi diġitali uniċi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

Emenda

(33) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸. Fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, dawn ir-Regolamenti tal-aħħar iridu japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament. **Jenħtieġ li tintuża data anonimizzata jew psewdonimizzata għall-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-arkivjar ta' data personali għal finijiet ta' statistika sabiex jiġu ggarantiti s-salvagwardji kif adottati skont l-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Jenħtieġ li tingħata preferenza lill-ipproċessar ta' data anonimizzata meta tiġi prodotta u kondiviża statistika fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sakemm ma jkunx jeżisti impediment serju, f'liema każ għandha tiġi pproċessata data psewdonimizzata.**

³⁸ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tevolvi biex tkun tqis il-ħtiġijiet emerġenti tad-data li joħorġu mill-prijoritajiet ta' politika li qed jinbidlu, u mill-bidliet fis-sitwazzjoni demografika, migratorja, soċjali jew ekonomika fl-Unjoni. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li twettaq studji pilota biex tivvaluta l-fattibbiltà tal-adattamenti kkonċernati, kif xieraq, u jenħtieġ li tqis ċerti aspetti bħall-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi fuq l-Istati Membri u d-disponibbiltà ta' sorsi tad-data xierqa.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Biex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali **kif ukoll** l-iżviluppi teknoloġiċi, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-lista, id-deskrizzjoni, il-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza

³⁸ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

Emenda

(34) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tevolvi biex tkun tqis il-ħtiġijiet emerġenti tad-data li joħorġu mill-prijoritajiet ta' politika li qed jinbidlu, u mill-bidliet fis-sitwazzjoni demografika, migratorja, soċjali jew ekonomika fl-Unjoni. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li twettaq studji pilota biex tivvaluta l-fattibbiltà tal-adattamenti kkonċernati, kif xieraq, u jenħtieġ li tqis ċerti aspetti bħall-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi fuq l-Istati Membri u d-disponibbiltà ta' sorsi tad-data xierqa. ***Hija u tħejji daww l-istudji, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura r-rappreżentattività tal-istudji fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-differenzi reġjonali.***

Emenda

(35) Biex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali, l-iżviluppi teknoloġiċi ***u l-ħtieġa li jitfasslu politiki mmirati tajjeb b'mod f'waqtu***, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda l-lista, id-

tas-suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni; biex taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament u biex tispeċifika l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc. Hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja taġġha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet³⁹. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tnejnija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti taġġhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejnija tal-atti delegati.

³⁹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

deskrizzjoni, il-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza tas-suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni; biex taġġorna l-perjodiċitajiet u ż-żminijiet ta' referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament u biex tispeċifika l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc. Hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja taġġha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet³⁹. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tnejnija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti taġġhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejnija tal-atti delegati.

³⁹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda

(35a) L-importanza tal-istatistika Ewropea bħala parti essenzjali mit-teħid tad-deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza hija riflessa fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-Unjoni għall-2021-2027 biex jiġi żgurat l-appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea ta' kwalità għolja mill-Programm tas-Suq Uniku. Ir-riforma tal-ġbir tad-data permezz ta' kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, l-istituti tal-istatistika u l-fornituri tad-data kif ukoll it-titjib tal-kwalità tad-data jenħtieġ li jsiru eliġibbli

biex jibbenefikaw mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}. Għal dak il-għan, il-fondi jenħtieġ li jintużaw sabiex jgħinu lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra jiġbru d-data meħtieġa kif mitlub mill-Kummissjoni (Eurostat), speċjalment fir-rigward tal-ġbir ta' data ad hoc kif speċifikat skont dan ir-Regolament.

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Istrument ta' Appoġġ Tekniku (OJ L 57, 18.2.2021, p. 1).

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) “gruppi tal-popolazzjoni li huma diffiċli biex jintlaħqu” tfisser gruppi ta' individwi li għalihom jeżisti ostaklu reali jew perċepit għall-inklużjoni sħiħa u rappreżentattiva fil-ġbir ta' data statistika;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) “*abitazzjoni* konvenzjonali” tfisser bini f'post fiss *li jkun imfassal* għal abitazzjoni permanenti tal-bniedem *iżda li mhux maħsub għal akkomodazzjoni istituzzjonali jew kollettiva*;

(10) “*abitazzjonijiet* konvenzjonali” tfisser *abitazzjonijiet li huma strutturalment separati, jiġifieri mdawra b'ħitan u mgħottija b'bejt jew b'saqaf b'tali mod li persuna waħda jew aktar jistgħu jgħixu hemm b'mod indipendenti minn oħrajn, u indipendenti, jiġifieri b'aċċess dirett minn triq jew taraġ, passaġġ, kuritur jew art, li huma f'post*

fiss, **li huma mfassla** għal abitazzjoni permanenti tal-bniedem, **u li, fid-data ta' referenza, qed jintużaw għal skopijiet residenzjali jew mhux okkupati, jew li jintużaw bħala abitazzjoni sekondarja jew staġjonali;**

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) “unità domestika” tfisser grupp ta' żewġ persuni jew aktar li jaqsmu post tal-għajxien jew riżorsi **speċifiċi oħra**; jew persuna individwali li ma tifformax parti minn unità domestika oħra;

Emenda

(12) “unità domestika” tfisser grupp ta' żewġ persuni jew aktar li jaqsmu post tal-għajxien jew riżorsi **finanzjarji**, jew persuna individwali li ma tifformax parti minn unità domestika oħra;

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) “istituzzjoni” tfisser post tal-għajxien kollettiv għall-fini ta' abitazzjoni u ta' forniment ta' servizzi fit-tul lil grupp ta' persuni;

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) “familja” tfisser grupp ta' żewġ persuni jew aktar li jgħixu fl-istess unità domestika u li huma relatati bil-paternità jew bi sħubija matrimonjali, reġistrata jew unjoni konsenswali;

Emenda

(13) “familja” tfisser grupp ta' żewġ persuni jew aktar li jgħixu **mill-inqas għal parti taż-żmien** fl-istess unità domestika u li huma relatati bil-paternità jew bi sħubija matrimonjali, reġistrata jew unjoni konsenswali;

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) binjiet maħsuba għall-abitazzjoni, postijiet tal-ġhajxien u abitazzjonijiet konvenzjonali.

Emenda

(e) binjiet maħsuba għall-abitazzjoni, postijiet tal-ġhajxien u abitazzjonijiet konvenzjonali, ***inklużi istituzzjonijiet.***

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

il-familji ***u l-unitajiet domestiċi.***

Emenda

(c) il-familji;

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-unitajiet domestiċi.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-istatistika fid-dominji elenkati fil-paragrafu 1 għandha tiġi organizzata f'settijiet tad-data skont is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati kif stabbilit fl-Anness.

2. L-istatistika fid-dominji elenkati fil-paragrafu 1 għandha tiġi organizzata f'settijiet tad-data skont is-suġġetti u s-suġġetti dettaljati kif stabbilit fl-Anness. ***Is-suġġetti stabbiliti fid-dominju demografiku, kif ukoll f'dominji rilevanti oħra, fl-Anness għandhom ikunu diżaggregati, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali dwar il-ġbir u l-iżvelar tad-data, skont l-età, is-sess u d-diżabbiltà u fejn rilevanti karatteristiċi oħra skont il-***

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 17 billi tispeċifika s-settijiet tad-data u l-metadata li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc, meta l-ġbir ta' statistika addizzjonali ikun jitqies meħtieġ biex jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali skont dan ir-Regolament.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 17 billi tispeċifika s-settijiet tad-data u l-metadata li jridu jagħtu l-Istati Membri fuq bażi ad hoc, meta l-ġbir ta' statistika addizzjonali ikun jitqies meħtieġ biex jiġu indirizzati ħtiġijiet statistiċi addizzjonali skont dan ir-Regolament, ***filwaqt li tagħti prijorità lis-sorsi tad-data u r-rekords amministrattivi li għandhom jintużaw għall-ġbir tad-data mitluba.***

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Is-settijiet tad-data u l-metadata riveduti għandhom jingħataw sal-iskadenzi speċifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jiġu kkumplimentati b'rapportar tal-kwalità skont l-Artikolu 12.

Emenda

Is-settijiet tad-data u l-metadata riveduti għandhom jingħataw sal-iskadenzi speċifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jiġu kkumplimentati b'rapportar tal-kwalità skont l-Artikolu 12. ***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni biex jiġu riveduti ċerti settijiet ta' data mingħajr dewmien bla bżonn.***

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jużaw sors wieħed tad-data jew kombinament tagħhom minn dawn li ġejjin, diment li dawn ikunu jippermettu l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12:

Emenda

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jużaw sors wieħed tad-data jew kombinament tagħhom minn dawn li ġejjin, diment li dawn ikunu jippermettu l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12 ***u li d-data tinġabar u tiġi pproċessata f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, b'rispett għad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data:***

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq metodi statistikament sodi u dokumentati sew, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali u l-aqwa Prattiki bħas-“sinjali tal-ħajja”, ir-“rata tas-soġġorn” u metodi oħra ta' stima statistika bbażati fuq ix-xjenza użati għall-kompilazzjoni tal-popolazzjoni abitwalment residenti fl-Istati Membri.

Emenda

4. L-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq metodi statistikament sodi u dokumentati sew, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali u l-aqwa Prattiki bħas-“sinjali tal-ħajja”, ir-“rata tas-soġġorn” u metodi oħra ta' stima statistika bbażati fuq ix-xjenza użati għall-kompilazzjoni tal-popolazzjoni abitwalment residenti fl-Istati Membri, ***f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data.***

Emenda 37

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – Paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. ***Meta jintalbu għal raġunijiet ta' valutazzjoni tal-kwalità statistika***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) ir-riżultati tal-valutazzjoni tas-sorsi tad-data, id-dokumentazzjoni tal-metodi u l-kjarifiki

Emenda

5. ***Fuq talba debitament ġustifikata mill-Kummissjoni (Eurostat)***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) ir-riżultati tal-valutazzjoni tas-sorsi tad-data, id-dokumentazzjoni tal-metodi u l-kjarifiki

meħtieġa.

meħtieġa.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) jevitaw riskji possibbli ta' qbiż jew ta' duplikar relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntieri relatati mal-avvenimenti vitali, u d-drittijiet tal-persuna li tixtri proprjetà transfruntiera, u li tippossjedi u tuża proprjetà għall-akkomodazzjoni fl-Unjoni;

Emenda

(e) jevitaw riskji possibbli ta' qbiż jew ta' duplikar relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntieri relatati mal-avvenimenti vitali, u d-drittijiet tal-persuna li tixtri proprjetà transfruntiera, u li tippossjedi u tuża proprjetà għall-akkomodazzjoni fl-Unjoni; ***pereżempju permezz tal-introduzzjoni ta' identifikaturi diġitali uniċi***;

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) ***inaqqsu l-asimetriji*** tal-flussi migratorji;

Emenda

(f) ***jevitaw riskji possibbli ta' qbiż jew għadd doppju u jiżguraw komparabbiltà aħjar*** tal-flussi migratorji;

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kwalunkwe adattament kbir previst minn tali atti ta' implimentazzjoni jista' jkun is-suġġett ta' appoġġ finanzjarju u tekniku skont l-Artikolu 15 jew deroga skont l-Artikolu 19(1a).

Emenda 41

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw kemm jista' jkun malajr lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar kull informazzjoni jew bidla rilevanti b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-istatistika pprovduta.

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw kemm jista' jkun malajr lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar kull informazzjoni jew bidla rilevanti b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-istatistika pprovduta **u għandhom jieħdu azzjoni biex isolvu l-kwistjoni mingħajr dewmien bla bżonn.**

Emenda 42

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

6. **Meta l-Kummissjoni** (Eurostat) **titlob dan**, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kjarifiki addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-istatistika.

Emenda

6. **Fuq talba debitament ġustifikata mill-Kummissjoni** (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kjarifiki addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-istatistika **mingħajr dewmien bla bżonn.**

Emenda 43

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fl-interess tal-kondiviżjoni sigura tad-data fl-ESS, għandhom jittieħdu s-salvagwardji kollha meħtieġa b'rabta mal-protezzjoni fiżika u loġika tad-data. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tistabbilixxi infrastruttura sigura biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Għall-istatistika skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti **jistgħu** jużaw din l-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-

Emenda

2. Fl-interess tal-kondiviżjoni sigura tad-data fl-ESS, għandhom jittieħdu s-salvagwardji kollha meħtieġa b'rabta mal-protezzjoni fiżika, **teknika** u loġika tad-data. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tistabbilixxi infrastruttura sigura biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Għall-istatistika skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti **għandhom** jużaw din l-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-

data għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1.

data għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ibbażata **preferibbilment** fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u mfassla speċifikament biex jimplimentaw il-prinċipji tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, b'attenzjoni partikolari għal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità;

Emenda

(b) ibbażata fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u mfassla speċifikament biex jimplimentaw il-prinċipji tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, b'attenzjoni partikolari għal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-data, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità;

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali skont ir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725;

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) **tnaqqas l-asimetriji** tal-flussi migratorji;

Emenda

(d) **jevitaw riskji possibbli ta' qbiż jew għadd doppju u jiżguraw komparabbiltà aħjar** tal-flussi migratorji;

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw f'dawk l-istudji **iżda, flimkien mal-Kummissjoni** (Eurostat), **għandhom jiżguraw** ir-rappreżentattività **ta' dawk l-istudji** fil-livell tal-Unjoni.

Emenda

2. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw f'dawk l-istudji. **Il-Kummissjoni** (Eurostat) **għandha tiżgura** r-rappreżentattività fil-livell tal-Unjoni, **filwaqt li tirrifletti diversitajiet nazzjonali**.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lill-awtoritajiet nazzjonali l-oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:

Emenda

1. **Fuq talba tal-Istat Membru**, tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lill-awtoritajiet nazzjonali l-oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **l-iżvilupp** u l-implimentazzjoni ta' sorsi tad-data, metodoloġiji, kondiviżjoni tad-data, unitajiet statistiċi, suġġetti, suġġetti dettaljati, varjabbli ġodda jew imtejba, u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom;

Emenda

(a) **infrastruttura u taħriġ meħtieġa għall-iżvilupp** u l-implimentazzjoni ta' sorsi tad-data, metodoloġiji, kondiviżjoni tad-data, unitajiet statistiċi, suġġetti, suġġetti dettaljati, varjabbli ġodda jew imtejba, u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom;

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri jistgħu japplikaw għal appoġġ mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex itejbu l-kwalità tal-istatistika u jiżviluppaw metodoloġiji li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. L-assistenza mill-Kummissjoni tista' tiġi pprovduta wkoll għall-koordinazzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki madwar l-Istati Membri.

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti deżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ***u żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat dwar il-ħidma preparatorja relatata mal-att delegat tagħha.***

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***jew l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan,*** tkun teżiġi xi adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ***lill-Istat*** Membru, għal żmien ***sa sentejn.***

1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun teżiġi xi adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ***lil dak l-Istat*** Membru, għal żmien massimu ***ta' seba' snin.***

Emenda 53

**Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Meta l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament jirrikjedu li jsiru adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 12(4), it-tieni subparagrafu, derogi lil dak l-Istat Membru, għal perjodu massimu ta' tliet snin.

Emenda 54

**Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)
Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d**

Test fis-seħħ

Emenda

(d) “ċittadinanza” tfisser ***ir-rabta legali partikulari bejn individwu u l-Istat tiegħu, miksub permezz tat-twelid jew ta' naturalizzazzjoni, kemm jekk permezz ta' dikjarazzjoni, għażla, żwieġ kif ukoll jekk b'mezz ieħor skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali;***

(3a) fl-Artikolu 2(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) “ċittadinanza” tfisser ***ċittadinanza kif definita fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***”

+ ĠU: Jekk jogħġbok fit-test daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS (2023/0008(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.”

Emenda 55

**Proposta għal regolament
Anness I – Tabella 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Demografija	Stokkijiet tal-popolazzjoni	Il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna	6M	30.06.SS u 31.12.SS	
			A	31.12.SS	
			MA	31.12.SS	
		Il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna	D	31.12.SS	
			A	31.12.SS	
			MA	31.12.SS	
	Fertilità	Twelidijiet	D	31.12.SS	
			Q	Xahar	
			A	Sena	
	Mortalità	Aborti kkawżati legalment ¹	A	Sena	
			Imwiet	Q	Xahar, Ġimgħa
				A	Sena
		A		Sena	
		Unjonijiet	Imwiet tal-fetu tard	A	Sena
Żwigiġiet u unjonijiet reġistrati				A	Sena
Karatteristiċi tal-persuni li jidħlu fiż-żwieġ jew f'unjoni reġistrata	A		Sena		
	Divorzji u unjonijiet reġistrati mitmuma		A	Sena	
Migrazzjoni	Immigranti	Q	Xahar		
		A	Sena		
	Emigranti	A	Sena		

	Migrazzjoni interna	A	Sena
Ksib u telf taċ-ċittadinanza tal-Istati Membri tal-UE u tal-Unjoni	Persuni li kisbu ċ-ċittadinanza	A	Sena
	Persuni li tilfu/irrinunzjaw iċ-ċittadinanza	A	Sena

¹ Din tingħata b'mod volontarju.

Emenda

Demografija	Stokkijiet tal-popolazzjoni	Il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna	6M	30.6.SS u 31.12.SS	
			A	31.12.SS	
			MA	31.12.SS	
			D	31.12.SS	
			A	31.12.SS	
		Il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna	MA	31.12.SS	
			D	31.12.SS	
	Fertilità	Twelidijiet		Q	Xahar
				A	Sena
			Aborti kkawżati legalment ¹	A	Sena
Mortalità	Imwiet		Q	Xahar, Ġimgħa	
			A	Sena	
		Imwiet tat-trabi	A	Sena	
		Imwiet tal-fetu tard	A	Sena	
		Unjonijiet	Żwiġijiet u unjonijiet reġistrati		A
Karatteristiċi tal-persuni li jidħlu fiż-	A			Sena	

	żwieġ jew f'unjoni reġistrata		
	Divorzji u unjonijiet reġistrati mitnema	A	Sena
Migrazzjoni	Immigranti	Q	Xahar
		A	Sena
	Emigranti	Q	Xahar
		A	Sena
	Migrazzjoni interna	A	Sena
Ksib u telf taċ- ċittadinanza tal-Istati Membri tal- UE u tal- Unjoni	Persuni li kisbu ċ- ċittadinanza	A	Sena
	Persuni li tilfu/irrinunz jaw iċ- ċittadinanza	A	Sena

¹ Din tingħata b'mod volontarju.